MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 17 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 1111/1997/1

It-Tabib Joseph Brincat
vs
Kap Kmandant Forzi Armati ta' Malta

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa kien effettivament gie mpjegat bhala tabib fil-Forzi Armati ta' Malta fit-22 ta' Frar 1987 fil-grad ta' Lieutenant.

Illi fl-istess taqsima medika tal-Forzi Armati kien hemm ukoll impjegat it-tabib Robert Galea fil-grad ta' Kaptan.
Illi l-imsemmi Tabib Robert Galea apparti s-salarju tieghu li kien jikkorrispondi mal-grad ta' Kaptan fl-Armata huwa kien igawdi beneficcju ta' allowance fis-somma ta' Lm133 fix-xahar.

Illi meta gie effettivament impjegat ir-rikorrent huwa nghata biss salarju li jikkorrispondi mal-grad ta' Lieutenant

u allowance ta' Lm10 fix-xahar bhal kull impjegat iehor fl-armata.

Illi meta r-rikorrent bhala tabib fl-armata talab li jinghata l-allowance fis-somma ta' Lm133 fix-xahar bhal ma kien qieghed jircievi l-kollega tieghu u cioe' Dr Robert Galea, it-talbiet tieghu gew ingustament rifjutati u meta talab spjegazzjoni dwar fuq liema bazi l-kollega tieghu kien qieghed igawdi beneficcju li lilu stess kien gie rifjutat huwa baqa' minghajr risposta.

In vista tal-premess ir-rikorrent matul is-snin ta' bejn l-1997 'il quddiem sofra ingustizzja abbazi ta' trattament diskriminatorju fil-konfront tieghu stante li gie mcahhad lilu allowance li ghalih kien intitolat u dana bhal ma effettivament kien qieghed jinghata lill-kollega tieghu fl-istess armata.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib sabiex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda ndikati fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi kien hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda taghhom

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju xieraq konsistenti fi hlas ta' kumpens f'ammont li jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li ecepixxa:-

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikorrent gie kkummissjonat fl-Armata ghal perjodu ta' 3 snin b'effett mit-23 ta' Frar 1987, skond kif miftiehem u taht il-kundizzjonijiet previsti fl-iskema ta' Student Haddiem, li biha r-rikorrent kien sponsorjat mill-Armata.

Illi fit-23 ta' Frar 1990, ir-rikorrent volontarjament ingagga fil-Forza Regolari ghal servizz fit-tul taht il-kundizzjonijiet previsti fl-A.L.91 ta' l-1970 (Appointments and Conditions of Service) Regulations.

Illi r-rikorrent ma gie mcahhad mill-ebda paga jew allowance skond kif indikat fil-kuntratt tieghu.

Illi skond ordnijiet mahruga mill-Ufficju tal-Prim Ministru fl-1987 u 1995 ir-rikorrent kien jithallas paga fi grad immedjatament akbar minn dak il-grad li kien igib fl-armata, filwaqt li kien jibbenefika minn kull allowance jew extra pay provvduta permezz tad-dokument New Salaries and Conditions of the Armed Forces of Malta ta' l-1993.

Illi t-Tabib Robert Galea, msemmi mir-rikorrent, kien gie ngaggat taht kundizzjonijiet ohrajn u ghadu jithallas skond kif miftiehem f'dak l-ingagg.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ilmenta dwar id-differenza fl-allowance bejnu u bejn it-tabib Galea. Sostna li minn grad ta’ Tenent Kurunell ‘l fuq jinghataw professional bonus.  Ghalhekk suppost li l-allowance kienu l-istess.  Qal li kien kellem lil Brigadier attwali dak iz-zmien Kurunell Rupert Montanaro li kien weghdu li ser jipprova jirrimedja s-sitwazzjoni.  Aktar tard qal li lmenta

wkoll mal-Brigadier Gaffiero, u wara li kiteb Kastilja fl-Ufficcju tal-Prim Ministru gie accettat li jinghata Lm16 aktar fix-xahar inkluzi l-Lm10. Semma li kemm hu u kemm Dr Galea kienu jiehdu sehem f'rescue operations ma' l-armata minn fuq helicopters u t-tnejn kienu jaghmlu visti fil-weekends lill-membri ta' l-armata. Huwa zied jghid li llum il-gurnata jaf li t-tabib Galea gie ngaggat ma' l-armata b'kundizzjonijiet differenti izda ma jafx taht liema kundizzjonijiet. Huwa qal li ggradwa fi Frar 1987 u ha l-warrant sentejn wara. Huwa qal ukoll li meta dahal ma l-armata ma jiftakar li ha ebda gurament u lanqas jaf li ffirma kuntratt. Kull ma kien hemm ittra ta' l-Ufficcju tal-Prim Ministru li giet accettata u kompla li sar jaf bl-allowance ta' Dr Galea wara li ha l-ingagg fl-armata.

Xehed <u>Lt. Col. Mario Scembri</u> li qal li t-tabib Galea kien gie on loan ma' l-AFM mid-Dipartiment tas-Sahha. Kompla jghid li Dr Galea gie offrut kummissjoni ta' fizzjal fil-Forzi Armati. Huwa kien lest jaccetta dan b'kundizzjoni li jiehu l-allowances li kien jiehu mad-Dipartiment tas-Sahha. Qal li Dr Brincat dahal ma' l-armata ma' l-iskema ta' student haddiem, u nghata l-kummissjoni ta' fizzjal u wara ta' Sergeant Lieutenant u kien intitolat jiehu l-allowances mahruga mill-AFM. Zied jghid li Dr Galea gie on loan ma' l-armata fl-1 ta' April 1985 u b'necessita peress li l-armata ma kellhiex tabib. Zied jghid li Dr Brincat kien jiehu allowance ta' Lm10 fix-xahar u Lm16.83 ghal search and rescue duties u b'kollox jammontaw ghal Lm322 fis-sena. Huwa spjega li Dr Galea u Dr Brincat gew ngaggati b'mod differenti u ghalhekk id-differenza fl-allowance tirrizulta minn termini ta' kuntratt. Qal ukoll li il-kuntratt mat-tabib Galea ma sarx mill-armata imma mill-Ufficju tal-Prim Ministru. Il-kummissjoni fl-armata tinghata mill-President tar-Repubblika dan ghaliex Dr Galea u Dr Brincat dahlu ma' l-armata f'zewg ranks differenti izda peress li Dr Galea kien mad-Dipartiment tas-Sahha huwa zamm ir-rank li kellu. Zied jghid li l-allowances ta' Dr Robert Galea kienu stabbilliti mill-OPM ma' l-ewwel kuntratt li sar. Qabel Dr Galea dawn l-allowances ma kienux jezistu. Dr Brincat wara li kien intbaghat kors l-Amerka beda jiehu allowance izda mhux minn meta gie kkomissjonat. Esebixxa dokument li indika x'kors segwa

r-rikorrent fl-Amerika u wara kienet inharigtlu allowance b'effett mill-1 ta' Gunju 1993 ta' Lm202 fis-sena.

Xehed Joseph Caruana bhala rapprezentant tal-Permanent Secretary fl-Ufficcju tal-Prim Ministru li spjega li f'xi snin ilu meta kien hemm problemi biex ikun jista' jintbaghat tabib ma' l-armata Dr Robert Galea kien gie misluf mid-Dirpartiment tas-Sahha ma' l-armata. Aktar tard kien gie approvat li Dr Galea jigi regolarment ma' l-armata izda li jirritjeni l-allowance li kellu precedetament applikabbli ghal professional medical officer I. Zied jghid li Dr Brincat dahal ma' l-armata bhala student haddiem. Esebixxa l-kundizzjonijiet li dahal bihom Dr Brincat u nghata l-hatra ghall-tlett snin u mbaghad terga tigi mgedda. Zied jghid meta Dr Brincat ha d-degee universitarja tieghu f'April 1987 il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati dak iz-zmien ghamel rakkomandazzjoni biex Dr Brincat jinhatar bhala Lieutenant fl-armata. Hu fil-fatt gie mahtur bhala Seargant Lieutenant. Wara l-ewwel tlett snin ta' Dr Brincat il-Kurunell Calleja ghamel rakkomandazzjoni lill-OPM biex dik il-kundizzjoni ta' tlett snin tigi mibdula f'kundizzjoni permanenti. Zied jghid li b'din ir-rakkomandazzjoni ma kien hemm ebda referenza ghall-allowances.
Xehed Dr Robert Galea li qal li meta kien mad-Dipartiment tas-Sahha talab biex jiehu kummissjoni fl-armata bil-kundizzjoni li jzomm l-istess kundizzjonijiet li kellu jigifieri l-allowance minhabba extra duties. Qal li ma' l-armata huwa kien jaghmel extra duties ukoll u Dr Brincat kien jaghmel l-istess xoghol bhalu u kien jaghmel extra duties ukoll meta kien ikun hemm il-htiega.

**KONKLUZJONIJIET:**
Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru qalet: "Hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva tratatment differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod

ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti” [Law of the European Convention on Human Rights - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, Law and Practice of the European Convention on Human Rights - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136.

Dak li gie kkwotat hawn fuq huwa biz-zejjed biex jaghmel l-istampa cara. Hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli; irid ikun hemm sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti.

Ir-rikorrent dahal jahdem taht kundizzjonijiet differenti u fi gradi differenti u zmien differenti minn Dr Galea. Ghalhekk is-sitwazzjoni mhux analoga. Wiehed jista’ jsemmi bhala paragun dak li jahdmu hafna mill-gudikanti prezenti ghall-kundizzjonijiet li dahlu jahdmu fihom ohrajn precedentement. Dan ma jwassalx ghal diskriminazzjoni kif sottomess mir-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat.

Spejjez kontra r-rikorrent.